SANNAT

Minuti tat-tnax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn 29, ta' Marzu 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

581 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru ħdax li saret fil-5 ta' Marzu tal- 2010.

**Item 2. Mill-Minuti**

582 *(para. 483)* L-interview tal-iskrivan *part time* saret nhar is-Sibt,13 ta' Marzu 2010. Attendew tnejn minn tliet applikanti. Il-Bord ma għażel lil ħadd minn dawn il-persuni. L-ETC intalbet biex tibgħat il-lista tal-*Part Time 3c2*. In-nies ġew infurmati mill-ETC u kellhom sal-27 ta' Marzu 2010 biex japplikaw. Persuna waħda biss applikat. Il-Kunsill iffissa l-interview għas-Sibt, 10 ta' April 2010.

583 Is-Segretarju kellem lis-Sur Victor Borg, il-proprjetarju ta' Ċenċ dwar il-proprjeta' tal-art fejn hu propost li ssir il-latrina fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini,. Dan qallu li lest li jiltaqa' fuq il-post mal-Kunsill dwar il-każ.

584 *(para. 515)* Il-ħaddiema li kien hemm assenjati mal-Kunsill intbagħtu mill-ġdid mal-Kunsill. Il-ħaddiem tal-Iskema Xogħol fil-Komunita'.- Joseph Farrugia ma jridx jidħol iżjed xogħol nhar ta' Sibt u l-anqas irid jagħmel ċertu xogħol ta' ċertu responsabilta' fejn jidħlu ħlasijiet għax qal li mhux il-grad tiegħu. Uħud minn dawk li jaħdmu barra ma jridux jiġu l-uffiċċju qabel jitilqu lejn id-dar u ħadd ma jaf x'ħin qed jitilqu. Il-Kunsill għandu jivverifika dwar dan.

585 *(para. 520)* Mill-informazzjoni li nġabet dwar il-proġett LITUGIUSO ta' Ħal Kirkop dawn ser jibagħtu tnejn min-nies minn tagħhom biex jittrenjaw fuq *surveys* tax-xtut u *Climate Change*. Wara dawn it-tnejn ser jgħallmu lit-trainers biex jgħallmu lin-nies mingħajr ħlas.

586 *(para. 538)* Dwar il-Fondi tal-Europa s-Segretarju kellem lil Aldo Formosa tal-MEUSEC u ppreżentalu l-proġett tax-shelter u t-*Tourist Information Sign*. Dan qal li dan il-proġett ma jgħaddix għaliex iridu jkunu proġetti ta' ċerta dimensjoni.

SANNAT

587 *(para. 539)* Il-preżentazzjoni tal-kuntratt tal-Iskema għall-Inizjattivi Sportivi tal-Kunsilli Lokali saret nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill irid jagħmel xi forma ta' riklamar bħal posters u flyers fejn irid jagħmel il-logo tal-MTA u l-logo tal-gvern - tas-Segretarjat Parlamentari. Is-Sindku u l-Kunsillier Teddy Bajada ser jieħdu ħsieb din l-iskema.

588 *(para. 545)* Dwar in-Notte Scarlata twaħħal avviż fin-Notice Board u ma applika ħadd fl-uffiċċju tal-Kunsill. Għandu jitwaħħal avviż ieħor biex ikun hemm nies biex jgħinu f'din l-attivita'

589 *(para. 546)* Dwar il-bozza fi Triq Xabbata biex tiġi spostjata ftit 'il fuq minn fejn hi, l-inġinier Mario Galea ta' Galea Curmi Consultants qal li hemm spazju biżżejjed biex issir oħra ġdida. Dwar il-bozza ta' Triq Ċenċ hemm hekk toqgħod ukoll waħda ġdida. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu ordnati.

590 *(para. 552)* Il-perit Gordon Vella attenda għal laqgħa tal-Kunsill kif kien mitlub. Dan ġab l-istima miegħu dwar l-istudju propost tal-irziezet li hemm fil-lokalita' ta' Sannat fejn hu ppropona li jagħmel *Environmental Monitoring Report* li jinvolvi f'xogħol bħal :

Il-kundizzjonijiet tal-permessi tal-bini tal-irziezet tal-lokalita' u l-kundizzjonijiet oħra relevanti mid-Dipartiment tas-Sanita' u l-*Malta Resources Authority*.

Analiżi rigward is-sitwazzjoni kurrenti tal-irziezett individwali fir-rigward tal-permessi u kundizzjonijiet.

Jattendi għal-laqgħat mas-sidien tal-irziezet u awtoritajiet relevanti biex jiġu spjegati l-oġġettivi tal-Kunsill.

Jikteb rapporti tekniċi għall-Kunsill ħalli l-Kunsill ikun jista' jippreżenta dokumenti uffiċjali relatati mas-suġġett.

Dawn is-servizzi jiġu pprovduti għall-prezz ta' €60, VAT mhix inkluża għal kull razzett involut. Jekk xi servizzi jiġu kkunsidrati mhux neċessarji l-ammont jiġi mnaqqas skond ix-xogħol li jsir. Wara li telaq il-perit Vella, il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol jiġi kkommissjonat lilu.

591 Ħareġ l-avviż fuq il-ġazzetti għall-offerta tal-*passenger lift* għall-bini tal-uffiċċju l-ġdid.

562 Is-Sindku ser jattendi għall-konferenza European Cities agaist Drugs li ser issir f'Għawdex, bejn it-22 u 24 ta' April fil-Kempinski Hotel.

**Item 3. Korrispondenza**

593 Memo 40/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar id-dokument tar-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali.

594 Memo 41/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Linji Direttivi dwar il-Kumitati Reġjonali.

595 Memo 42/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsija Parlamentari Numru 15510.

596 Memo 43/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar sejħa għal Segretarji Eżekuttivi mal-Kumitati Reġjonali.

597 Memo 45/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-kuntratti Ġodda dwar resurfacing ta' toroq b'sistema ta' Public Private Partnership bħala parti mill-fondi speċjali. Il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu joħorġu sejħa għall-offerti biex jidħlu fi ftehim ma' kuntrattur biex dan ta' l-aħħar jagħmel xogħol ta' resurfacing fuq numru ta' toroq tal-Kunsill liema toroq ikunu identifikati mill-Kunsilll fil-ħruġ tas-sejħa. Dan ix-xogħol irid isir fi żmien sena. Il-kuntrattur jintrabat li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn it-toroq għal tmien snin. Il-metodu tal-ħlas isir hekk; Wara li jitlesta' ix-xogħol tar- resurfacing, il-Kunsill ikun irid iħallas 40% tas-somma tal-kuntratt. Wara l-ewwel sena mit-twettieq tax-xogħol il-Kunsill iħallas 20% tal-kuntratt u wara it-tieni sena l-Kunsill iħallas 10%. Imbagħad għas-snin ta' wara sat-tmien sena, il-Kunsill iħallas 5% kull sena. Il-Kunsilli iridu jidentifikaw dawn it-toroq u jibagħatu stima ta' perit. Malli id-Dipartiment japprova din il-lista, il-Kunsilli jkunu jistgħu joħorġu s-sejħa għall-offerti. F'dan il-każ id-Dipartiment jikkommetti ruħu li għal l-ewwel sena jirdoppja l-ammont li l-Kunsill għandu fl-allokazjoni finanzjarja tiegħu fuq manutenzjoni tat-toroq filwaqt li fit-tieni sena l-Kunsill jingħata 25% żieda fuq l-allokazzjoji tiegħu għall-manutenzjoni ta' toroq. Din tħalliet għal darba oħra. Rigward il-hot rolled asphalt ta' Triq Santa Marija għandha tinkiteb ittra lil-Gatt Tarmac Ltd sabiex ir-roqgħa fejn qed iżomm l-ilma tiġi rranġata sabiex jitħallas.

598 Ittra mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li bagħat lis-Sur Marc Muscat, CEO, *Water Service Corporation* dwar il-ħlas lura lill-Kunsilli Lokali dwar il-ħlasijiet dovuti għax-xogħol ta' trinek fil-lokalitajiet. Ittra oħra dwar il-kundizzjonijiet ġodda meta l-WSC tkun trid tagħmel xi permess għal trinka, din għandha tagħmel depożitu ta' €100 garanzija u tintrabat li tagħmel it-tiswija temporanja li ma tkunx ta' periklu għaċ-ċittadini. Fis-26 ta' Marzu 2010 l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli Lokali li wara ħafna laqgħat ġiet solvuta l-problema. Il-WSC rrikonexxiet li l-ħlasijiet dovuti għas-snin 2007, 2008 u 2009 jiġu rispettati. Il-*Water Service Corporation* qed iħejju pjanijiet sabiex fuq bażi ta' tliet snin isiru l-ħlasijiet kollha dovuti lill-Kunsilli Lokali. Għal dan il-għan ser jsir eżerċizzju sabiex il-Kunsilli Lokali u l-WSC jaqblu fuq l-ammonti dovuti. Wara dan ser ikun hemm proċess ta' ħlasijiet fi żmien tliet snin.

599 Kopja ta' stqarrija li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħarġet dwar id-diskusjonijiet li kienu għadejjin mal-MEPA rigward programm ta' ħidma għaż-żmien li ġej.

600 Ittra mill-Greenpak dwar flus li jingħataw lill-Kunsill li jidħlu fl-iskema tagħhom. Din tkun ibbażata fuq targets ta' skart riċikabbli li jinġabar mill-lokalita'. Dawn il-flus jingħataw fi kreditu bħal proviżjon ta' skips industrijali u *collection bags*. Huma qalu wkoll li lesti jagħtu d-*deposit fee* għall-provizjon ta' *Waste Serv BI Sites*. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-iskema tal-Greenpak. Dan il-kuntratt għandux ikun iktar mil-leġislatura preżenti.

601 Acknowledgement mill-MEPA li rċevew l-ittra tal-Kunsill Lokali Sannat dwar il-kostruzzjoni ta' *Removable Roundabout ta' Sannat Junction*. Is-Sindku qal li kien bagħat ittra lill-MEPA rigward ir-*removable roundabout* fi Triq Sannat. Wara bagħat ittra oħra għaliex kellu nformazzjoni ħażina.

602 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-applikazzjoni tal-Kunsill għal proġett tal-latrina pubblika fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini ġiet *short listed*. Huma talbu l-permess tal-MEPA u tal-Kummissjoni Persuni b'Diżabilta'. Dawn ġew infurmati li l-applikazzjoni qed tiġi pproċessata mill-MEPA u ingħataw in-numru tal-applikazzjoni.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

603 Ittra minn Rene Savona Ventura tal-IPSL fejn qal li għamel spezzjoni fi Triq Mġarr ix-Xini fejn kienu qed jaħdmu n-nies tiegħu u qal li hemm sprall li għandu bżonn ta' grada. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi ordnata għaliex hi ta' periklu.

604 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Memo16/2010 rigward r-responabilta' ta' librerija Lokali għall-preżentazzjoni "Il-ktieb Pass 'il Bogħod Minnek ser issir fil-Librerija tan-Nadur nhar il-Ħamis, 8 ta' April 2010 fil-10.00 a.m.

605 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar sejħa għal proposti ta' proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007- 2013. Din is-sejħa tagħlaq fis-19 ta' April 2010.

606 Il-Gozo Football Association tablet sabiex isir *reserved parking* għal ambulanza ħdejn il-grawnd ta' Sannat biex tagħti s-servizz tagħha waqt l-logħob fl-imsemmi grawnd. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba għar-raġuni li din tkun ipparkjata quddiem il-kanċell tal-grawnd.

607 Ittra mit-Transport Malta fejn approvaw it-twaħħil ta' bollard fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq l-10 ta' Ottubru 1942.

608 Ittra mill-A.K.L li l-laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki ser issir f'Għawdex fil-14 u l-15 ta' Mejju 2010 fil-Calypso Hotel, Marsalforn.

609 Ittra mill-MRRA dwar il-kampanja ta' Display Campaign.

610 Kopja ta' email li bagħtet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma lil Gatt Tarmak Ltd. għal kwotazzjoni għar-*reinstatement* ta' Triq Vincenzo Caruana Spiteri. Il-Korporazzjoni ser tagħmel xogħol ta' r*einstatement* fejn sar it-tħaffir f'din it-triq għal ħsarat li kien hemm. Din it-triq għadha kif ingħatat il-*hot rolled* asphalt.

610 Azzopardi George bagħat kopja ta' ittra li bagħat lis-Sur Portelli mill-Ministeru għal Għawdex biex jerġgħu jipprovdu s-sevizz ta' Surveyor b'xejn fuq is-sit ta' Għar ix-Xiħ u s-sit tal-Loġġa.

611 Strand Electronics Ltd. bagħtu stima tat-tiswijja tal-photo copier eżistenti kif ukoll stima ta' photocopier ġdida. Il-Kunsill għandu jitlob stimi mingħand kumpaniji diversi biex tinxtara photo copier ġdida.

612 Il-Kunsill ġie nformat minn Galea Curmi Consultants li l-offerta *Ref ESS 01/09 – Supply, installation, testing and commissioning of photovoltaic systems* kellhom jinfetħu fil-Kunsill tal-Mosta. Fi żmien ġimgħa ser tkun saret l-evalwazzjoni tal-offerti.

613 Jason Vella minn Għajnsielem bagħat email fejn offra s-sevizzi tiegħu *Bubbles Entertainment* kemm għat-tfal kif ukoll għal kbar.

614 Acknowledgement mill-MTA fejn qalu li rċevew l-ittra dwar resurfacing ta' Triq Mġarr ix-Xini.

615 Stedina mill-Kunsill tax-Xagħra biex il-Kunsill Lokali Sannat jidħol magħhom u l-JEF li hija organizzazzjoni taż-Żgħażagħ Maltin biex nipparteċipaw fi proġett jismu MASONEST ITALIA-MALTA. Hu mistenni li l-Kunsill ma joħroġx flus għal dan il-proġett. Il-Kunsill approva li jidħol f'dan il-proġett.

**Item 4. Attivitajiet għal Jum Sannat**

616 Dwar Jum Sannat, il-Kunsill qabel li jitħejja programm ta' attivitajiet fosthom l-għoti tal-Premju Ġieħ Sannat.

Il-bord tal-aġġudikazzjoni għall-Premju Ġieh Sannat ser ikun jikkonsisti fis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Joe Bajada. Għandha toħroġ is-sejħa għan-nomini għal Premju Ġieh Sannat li tagħlaq fil-15 ta' April 2010. Kull min jiġi nominat għandu jagħmel power point dwar il-persuna nominata.

Għandha ssir kompetizzjoni għat-tfal kollha tal-iskola Primarja tal-isbaħ tpinġija, ritratti u komponimenti. Id-data tal-għeluq ta' din il-kompetizzjoni għandha tkun is-17 ta' April 2009 . L-aħjar il-komponiment jinqara waqt s-serata ta' Talent Sannati.

It-tfal ta' l-iskola għandhom jittieħdu dawra ma' Ta' Sannat fejn jaraw postijiet ta' interess.

Bħala attivitajiet Sportivi għandha ssir logħba netball għat-tfajliet nhar il-Ħamis, 22 ta' April kif ukoll lobgħa futbol għal Old Boys.

Il-Weekend Break għandu jsir bejn l-24 u l-25 ta' April 1010.

F'Jum Sannat fit-28 ta' April għandha ssir quddiesa fil-knisja, Santa Margerita u Serata ta' Talent Sannati fil-Pjazza Santa Margarita. Għal din is-serata għandha tintbagħat ittra lir-residenti sabiex min jixtieq jieħu sehem f'din is-serata ta' kant u żfin jinkiteb fl-uffiċċju tal-Kunsill sa mhux aktar tard mill-21 ta' April 2010. Il-Premju Ġieh Sannat għandu jingħata waqt din is-serata.

Fl-istess attivitajiet jiġi nawgurat il-promenade ta' Triq it-28 ta' April 1688.

**Item 5. Materja Oħra**

617 Il-Kunsill approva l-Performance Bonus tas-Segretarju (10%) u tas-Assistant Prinċipal (6%). Is-Segretarju talab sabiex il-Kunsilliera Teddie Bajada u Joseph Bajada ma jeħdux sehem fl-approvazzjoni tal-Performance Bonus tiegħu. Manuel Tabone ma qabilx mal-proposta tas-Segretarju Eżekuttiv u nsista li l-membri kollha tal-Kunsill għandhom jkunu parteċipi fl-approvazzjoni tal-Performance Bonus: skond il-fehma tagħhom, għax ilkoll membri tal-istess Kunsill u l-maturita' u r-responsabilta tagħhom għandha tkun riflessa fid-deċiżjoni li titieħed. Is-Sindku rrakkomanda l-ammont ta' bonus u l-kunsilliera qablu miegħu. L-istess sar fil-każ tas-Assistant Prinċipal fejn is-Segretarju rrrakkomanda l-ammont tal-bonus u l-Kunsill qabel miegħu.

618 Il-Kunsill qabel li s-sidien ta' dawk it-trakkijiet u trailers li hemm fil-kantuniera ta' Triq Mġarr ix-Xini u Triq tal-Lewż jingħataw twissija sabiex ineħħu l-vetturi tagħhom. Din it-twissija għandha ssir mill-Gwardjani Lokali.

619 Inġibdet l-attenzjoni li kien hemm bank fil-Pjazza Santa Margarita li tkisser waqt li kien qed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill qabel li s-sid tal-blokka għandu jintalab jgħid minn qed jagħmel dan ix-xogħol sabiex wara jintalab jixtri bank ġdid.

620 Ġew preżentati l-audited finacial statements tas-sena 2009 li ġew approvati.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

621 Il-Kunsill qabel li jinġieb trakk sabiex jinġabar l-iskart goff li hemm fit-toroq.

622 Is-Sur Joseph Magro għandu jiġi ordnat sabiex jagħmel ix-xogħol ta’ patching fi Triq Skerla.

623 Leli Curmi għandu jitqabbad jiżbor is-siġra ta’ Triq Marsilja. Għandu wkoll jinkera *high up* biex ikun jista’ jsir dan ix-xogħol.

**Item 6. Ilmenti**

624 Mikelangelo Spiteri, “In God we trust’, Triq Vincenzo Caruana Spiteri li talab sabiex il-bank li hemm fi Triq Ċenċ quddiem ta’ Kosta Saliba jiġi mħarrek minn postu peress li hu għandu garaxx hemm hekk u ma jkunx jista’ jdaħħal jew joħroġ oġġetti minnu. Il-Kunsill qabel li dan il-bank jitneħħa għaliex dan kien fi Triq Ċenċ u tneħħa minn xi ħadd waqt li kien qed isiru xi xogħlijiet.

625 Gużeppa Camilleri ta’ 171, Triq il-Kbira talbet sabiex isiru Slow signs fl-art għaliex qed isir sewqan esaġerat fi Triq il-Kbira. Hi pproponiet li ssir waħda quddiem tagħha u oħra fejn tal-isprayer fejn kien hemm il-forn. Il-Kunsill qabel li jitpoġġew tliet tabelli *Reduce Speed* f’din it-triq.

626 Saveria Bajada, 70 Triq il-Kbira talbet sabiex titneħħa l-Stop Sign li hemm Triq l-10 ta’ Ottubru 1942 kantuniera ma’ Triq il-Kbira li qiegħda fuq kanna u titpoġġa ftit ‘il fuq mal-ħajt għaliex kif qiegħda li faċilment wieħed jista’ jitla’ fuq il-bejt tad-dar fejn toqgħod din l-anzjana. Il-Kunsill qabel li din teħel ftit ‘il fuq mal-ħajt.

Il-laqgħa spiċċat fil-9.45 ta’ filgħaxija ġiet aġġornata biex tkompli nhar it-Tlieta, 6 ta’ April fil-4.30 ta’ filgħaxija.

_________________ _______________

Arthur Bajada
Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella
Sindku